ARB/C032/2023 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-30 ta' Lulju, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 587/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Alfredo Mangion)

Kontra

RYAN CUTAJAR, xufier, ta' 37 sena, iben Emanuel u Dolores xebba Bonavia, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-27 ta' Lulju, 1986, u residenti ġewwa 147, 'Salvina', Triq il-Karmnu, Il-Fgura, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 350286M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' RYAN CUTAJAR u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan,

ARB/C032/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 30th July, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 587/2023, in the case:

The Police
(Inspector Alfredo Mangion)

Versus

RYAN CUTAJAR, driver, 37 years, son of Emanuel and Dolores née Bonavia, born in Tal-Pietà, Malta, on the 27th July, 1986, and residing at 147, 'Salvina', Triq il-Karmnu, Fgura and holder of Maltese identity card bearing number 350286M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to RYAN CUTAJAR and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating

iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort' oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 23A, u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollha ebda effett fil-liġi.

Illum 11 ta' Awwissu, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 5, Article 23A, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 11th August, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1605

B'digriet tal-20 ta' Lulju, 2023, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ta' Vella Wright Natalie Mary Louise (KI 298201L) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond b'numru mitejn u wieħed u sittin/mitejn u tnejn u sittin (261/262), fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, li jikkonsisti f'ħanut klassi erbgħa (IV), li jinsab fil-livell ta' semi basement, sottostanti beni ta' terzi, b'aċċess minn taraġ li jagħti għat-triq. L-ispazju kummerċjali prinċipali jagħti aċċess għall-kmamar kollha li jinkludu l-kamra tal-banju, il-kitchenette u l-box room. Il-fond fih kejl ta' madwar tlieta u sittin metri kwadri (63sqm) u suġġett għall-mogħdija ta' katusi tax-xita u tad-drenaġġ, skont kif ikun meħtieġ għas-servizzi tal-proprjetà li tifforma parti mill-istess blokk, konfinanti l-blokk kollu min-Nofsinhar mat-triq u mill-Punent ma' proprjetà illi tagħti għal Triq San Franġisk u Lvant ma' proprjetà li tagħti għal Triq Wied Ħal Balzan,

By a decree given on the 20th July, 2023, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 25th July, 2023, on the application of Vella Wright Natalie Mary Louise (ID 298201L), Tuesday 21st November, 2023, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement with numbers two hundred and sixty one/two hundred and sixty two (261/262), in Triq il-Kbira, Ħal Balzan, which consists of a shop Class Four (IV) situated on the semi basement level, underlying third party property, with access from a stairs leading to the street. The main commercial space leads access to all the rooms including the bathroom, the kitchenette and the box room. The tenement has a measurement of about sixty three square metre (63sqm), and is subject to the passage of rain water and drainage drains, as may be necessary for the services of the property forming part of the same block, and all the block is bounded south with the street, west with property that abuts onto Triq San Franġisk and east with property that

libera u franka u tinkludi d-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u stmat li jiswa mitt elf ewro (€100,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) u Emanuel Baldacchino (KI 368682M) f'ismu personali u qua garanti in solidum ma' Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 34/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 10 ta' Awwissu, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

abuts onto Triq Wied Ħal Balzan, free and unencumbered and includes all its rights and appurtenances and is valued at one hundred thousand euro (€100,000).

The said tenement is the property of Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) and Emanuel Baldacchino (ID 368682M) in his personal name and qua garanti in solidum with Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 34/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 10th August, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1606

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fid-9 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 156/2023GMG, li ġie ppreżentat fl-14 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet: Agius Josette et vs Bajada Matthew, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-att notarili riferut. Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-2 ta' Novembru, 2023, fil-11.45 a.m.

Notifika Intimat: Bajada Matthew, 29, Neuf Vie, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Awwissu, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on 9th June 2023, in the acts of Sworn Application number 156/2023GMG, which was presented on 14th February, 2023, in the names: Agius Josette et vs Bajada Matthew, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Chapter 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Nominate curators to represent the eventual defaulters on the referred notarial deed. With costs against the respondent who is now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 2nd November, 2023, at 11.45 a.m.

Notification Respondent: Bajada Matthew, 29, Neuf Vie, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard

Registry of the Superior Courts, today 7th August 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1607

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Lulju, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-Kontromandat fl-ismijiet Selective Quality Letting Limited vs Oswald Agius kontromandat numru 1582/2023, ordnat s-segwenti pubblikazzjoni biex sservi ta' notifika fil-konfront ta' Selective Quality Letting Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Kontromandat numru 1582/2023 ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara l-Mandat ta' Sekwestru

By means of a decree of the 21st July, 2023, of the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the Counter-Warrant in the names Selective Quality Letting Limited vs Oswald Agius Counter Warrant Number 1582/2023 the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Selective Quality Letting Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap 12.

By means of a Counter Warrant Number 1582/2023 filed in the Courts of Magistrates (Malta), following the Garnishee

numru 1831/2013 fl-ismijiet Selective Quality Letting Limited (C28601) vs Oswald Agius (KI 0760150M) maħrug fil-5 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti Oswald Agius (KI 0760150M) talab bil-qima:

Illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ tal-opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

Raguni: Stante d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet fuq premessi mogħtija fid-9 ta' April, 2014 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A), liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (kompetenza inferjuri) fil-5 ta' Frar, 2016 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. B) fejn ġie deċiż illi l-esponenti m'għandux relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi, li appell tagħha ġie miċħud.

Kontromandat

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi wara l-esekuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq hemm raġunijiet skont il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ.

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bix-xhieda tal-Magistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Fl-atti tal-kontromandat numru 1582/2023

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna n-notifika tiegħu lill-kontroparti bi żmien jumejn (2) għar-risposta

Illum 6 ta' Lulju, 2023

Notifika Selective Quality Letting, 92, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Order number 1831/2013 in the names Selective Quality Letting Limited (C28601) vs Oswald Agius (ID 0760150M) issued on the 5th July 2023, the applicant Oswald Agius (ID 0760150M) respectfully asked:

That this Honourable Court orders the issue of the opportune Counter Warrant for the under mentioned reason.

Reason: Pursuant to a judgment of the Courts of Magistrates (Malta) in the names above mentioned dated 9th April, 2014 (a copy of which is here attached and marked as Doc. A), which judgment was confirmed by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 5th February, 2016 (a copy of which is here attached and marked as Doc. B) wherein it was decided that the applicant does not have juridical relationship with the plaintiff company, and the appeal was not upheld.

Counter Warrant

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Whereas following the execution of the warrant to which the above application refers there are sufficient reasons according to law why this said warrant is not to remain in force.

Given by the Court above mentioned that is the Courts of Magistrates (Malta) with the witness of the Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo.

In the Magistrates Court (Malta)

In the records of the Counter-Warrant Number 1582/2023

The Court,

Having seen the application;

Orders service to the counterparty who has two (2) days within which to reply.

Today 6th July, 2023

Notification: Selective Quality Letting, 92, Triq Ġorġ Borg Olivier, St Julian's

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today the 11th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1608

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Ottubru, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Nectar Limited (C13065) ta' Nectar Buildings, Industrial Zone, Ta' Qali, Malta, ippreżentat talba fis-26 ta' Ottubru, 2022, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Justin Haber (KI 278281M) ta' 158, Sapphire Court, P/H 11, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, Malta, sabiex iħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €5,780.90, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Il-kawża (Avviż numru 241/2022VGA) fl-ismijiet Nectar Limited vs Justin Haber tinsab differita għad-9 ta' Ottubru, 2023, fl-10.30a.m.

Notifika: Justin Haber (KI 278281M) ta' 158, Sapphire Court, P/H 11, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Awwissu, 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 27th October, 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Nectar Limited (C13065) of Nectar Buildings, Industrial Zone, Ta' Qali, Malta, filed a Claim on the 26th October, 2022, whereby they asked the Court to condemn Justin Haber (ID 278281M) of 158, Sapphire Court, P/H 11, Triq St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of €5,780.90, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Notice number 241/2022VGA) in the names Nectar Limited vs Justin Haber is deferred for hearing for the 9th October, 2023, at 10.30 a.m.

Notification: Justin Haber (ID 278281M) of 158, Sapphire Court, P/H 11, Triq San Pawl, St Paul's Bay

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th August 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1609

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Lulju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors guramentat fl-ismijiet Janice Abela vs Dione Darmanin, Rikors Ġuramentat numru 22/2023AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Dione Darmanin a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 22/2023 fl-ismijiet Janice Abela (KI 0373389M) vs Dione Darmanin (KI 0580390M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-23 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrenti Janice Abela (KI 0373389M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzaha tippreżenta l-applikazzjoni għall-minuri … omissis … sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment minn skola għal oħra u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u firma tal-intimat Dione Darmanin u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rikorrenti: 61, Triq l-Imriekeb, Marsaskala

By means of a decree of the 26th July 2023 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Janice Abela vs Dione Darmanin, Sworn Application number 22/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Dione Darmanin in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the records of the Sworn Application number 22/2023AL in the names Janice Abela (ID 0373389M) vs Dione Darmanin (ID 0580390M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd June, 2023, the applicant Janice Abela (ID 0373389M) requested this Honourable Court to authorise her to present the application for the minor … omissis … so that the transfer can be made from one school to another and this without the néed of the consent and signature of the respondent Dione Darmanin and this under all those conditions that this Honourable Court deems fit and opportune.

Applicant: 61, Triq l-Imriekeb, Marsaskala

Intimat: Gawhra Court, Flat 4, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja) – l-Onor. Imħallef Abigial Lofaro, LLD, Stud. Rel. Mag/Jur. (Eur. Law)

Rikors Ġuramentat numru 22/2023AL

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Janice Abela tat-23 ta' Ġunju, 2023,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 30 ta' Ġunju, 2023

Ir-rikors fl-ismijiet Janice Abela vs Dione Darmanin, Rikors numru 22/2023AL, jinsab differita għat-8 ta' Novembru, 2023, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 11 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: Gawhra Court, Flat 4, Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

Civil Court (Family Section) – Honourable Madame Justice Abigail Lofaro, LLD, Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)

Sworn Application number 22/2023AL

The Court,

Having seen the application of Janice Abela dated 23rd June, 2023,

Orders the notification to the counterparty with five (5) working days within which to submit a reply.

Today 30th June, 2023

The application in the names Janice Abela vs Dione Darmanin, Application number 22/2023AL, has been postponed for hearing to the 8th November, 2023, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 11th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1610

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Mejju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Janice Abela vs Dione Darmanin, Rikors numru 22/2023AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Dione Darmanin a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġuramentat numru 22/2023AL fl-ismijiet Janice Abela (KI 0373389M) vs Dione Darmanin (KI 0580390M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-6 ta' Frar, 2023, ir-rikorrenti Janice Abela (KI 0373389M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Takkorda l-kura u l-kustodja esklussiva taż-żewġ minuri … omissis … stante li l-intimat ilu xhur sħaħ ma jara lit-tfal u wisq anqas jivversa manteniment kif diġà spjegat aktar 'il fuq, ma għandu ebda kuntatt mat-tfal minuri u lanqas aċċess u għalhekk l-attriċi trabbi waħedha liż-żewġ minuri u tieħu ħsieb kull bżonn finanzjarju u oltre kollu tagħhom.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

By means of a decree of the 23rd May, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Janice Abela vs Dione Darmanin, Application number 22/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Dione Darmanin in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Sworn Application number 22/2023AL in the names Janice Abela (ID 0373389M) vs Dione Darmanin (ID 0580390M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 6th February, 2023, the applicant Janice Abela (ID 0373389M) requested this Honourable Court to:

1. Grant the exclusive care and custody of the two minors … omissis … since the respondent has not seen the children for months and much less to pay maintenance as already explained above, he has no contact with the minor children nor access and thus the plaintiff raises alone the two minors and takes care of all their financial néeds and all their other needs.

With costs and the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Rikorrenti: Janice Abela, 61, Triq l-Imriekeb, Marsaskala

Intimat: Gawhra Court, Flat 4, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar

Ir-rikors fl-ismijiet Janice Abela vs Dione Darmanin, Rikors numru 22/2023AL, jinsab differit għat-8 ta' Novembru, 2023, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 11 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 61, Triq l-Imriekeb, Marsaskala

respondent: Gawhra Court, Flat 4, Triq il-Gifen, St Paul's Bay

The Application in the names Janice Abela vs Dione Darmanin, Application number 22/2023AL, has been postponed for hearing to the 8th November, 2023, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 11th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1611

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Frar, 2023, fuq rikors tal-Kuratur tal-Falliment ta' Jonathan Pace ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 12 ta' Settembru, 2023, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1) sitwat fl-ewwel sular (ground floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u sebgħin elf ewro (€170,000);

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) sitwat fl-ewwel sular (first floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

L-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) sitwat fit-tieni sular (second floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

Penthouse internament immarkata bin-numru erbgħa (4) sitwata fir-raba' sular (fourth floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, bl-arja libera tagħha stmata li tiswa mija disgħa u erbgħin elf u sitt mitt ewro (€149,600);

L-appartament numru wieħed (1) igawdi u huwa suġġett għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu ġewwa l-blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-servizzi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti kif ukoll id-dritt ta' użu gratwit, mhux interrot u in perpetwu trasferibbli li terzi 'ad

By decree given by the Civil Court, First Hall 15th February, 2023, on the application of the Jonathan Pace's bankruptcy curator Dr Richard Galea Debono, Tuesday, 12th September, 2023, at half past ten in the morning (10:30 am), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in room number 78 nearby the Courts Archieve, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number one (1) is situated on ground floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja in Xgħajra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and seventy thousand euro (€170,000);

The apartment internally marked number two (2) is situated on the first floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja in Xgħajra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

The apartment internally market number three (3) is situated on the second floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja in Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

Penthouse internally marked number four (4) situated on the fourth floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja in Xgħajra, Ħaż-Żabbar, with its own free airspace valued at one hundred and forty-nine thousand and six hundred euro (€149,600);

The apartment number one (1) enjoys and is subject to those servitudes resulting from its relative position within the block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are in common with the overlying properties as well as the right of guarantee use, uninterrupted and in perpetual transferable to third parties 'ad

infintum' tal-partijiet kollha intiżi għall-użu komuni u liema dritt ta' użu jitgawda in komuni mal-appartamenti l-oħra fil-blokk bid-dritt ta' aċċess għal fuq il-bejt limitat biss għal installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' mhux aktar minn ħames mitt litru (500lt) fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenżjoni ta' satellite dish komuni u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-ħdax ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (11.6.2009).

Mal-appartamenti numri tnejn (2) u tlieta (3) u l-penthouse jinkludi l-partijiet komuni kollha fil-blokk u li jgawdu u huma suġġetti għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva tagħhom ġewwa l-istess blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-servizzi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti u sottostanti u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-wieħed u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (21.3.11).

Maisonette fil-livell terran (ground floor level) bin-numru erbgħa (4) bl-isem 'Shelik' formanti parti minn kumpless bl-isem 'Eureka' mingħajr l-arja tiegħu u liema kumpless jinsab f'Misraħ Karmenu Grima qabel magħrufa Triq it-Tagħlim, Iż-Żejtun, formanti parti mill-art jisimha Is-Saliba jew Mastru Gidelu jew Mastru Galutin konfinanti mil-Lvant mal-parti stradali (Misraħ Karmenu Grima, preċedentement magħrufa bħala Triq it-Tagħlim) liberu u frank kif suġġett għas-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu fosthom ta' mogħdija ta' katusi u servizzi li jservu il-proprjetà sovrastanti u sottoposti u dritt ta' użu in perpetwu u mhux interrot li jinstalla tank ta' l-ilma ta' ħames mitt litru (500 lt) fuq fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenżjoni ta' satellite dish komuni u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (14.5.2008) stmat li jiswa mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000);

Ħanut kantuniera fil-livell terran (ground floor level) bl-isem 'Tyson Butcher' u nnumerat ħmistax (15) fi Triq il-Kanonku Giovanni De Domenico, Iż-Żejtun, mingħajr l-arja tiegħu, kif suġġett għas-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu sottopost għal proprjetà ta' terzi li jinkludi sistema ta' drains u drenaġġ komuni, mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Vanessa Buttigieg tas-sbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (17.9.2009) stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

L-imsemmi appartament numru wieħed (1) ġewwa Ħaż-Żabbar, il-ħanut 'Tyson Butcher' u l-maisonette bl-isem 'Shelik' ġewwa ż-Żejtun huma proprjetà tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u l-appartamenti numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgħa (4) huma proprjeta' tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u Melanie Pace (KI 650082M)

infintum'of all the parts intended for common use and which right of use is enjoyed in common with the other apartments in the block with right of access to the roof only limited to install and maintenance of a water tank of no more than five hundred litres (500lt) on the highest roof of the block and for the installation and maintenance of a common satellite dish and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the eleventh June of year two thousand and nine (11.6.2009).

With apartments numbers two (2) and three (3) and the penthouse includes all the common parts in the block and are subject to those servitudes arises from their relative position within the same block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are common with the overlying and underlying properties and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the twenty first of March of year two thousand and eleven (21.3.11).

Maisonette on the ground floor numbered four (4) named 'Shelik' forming part of a complex named 'Eureka' without its airspace and which complex is situated in f'Misraħ Karmenu Grima before known as Triq it-Tagħlim, Żejtun, forming part from a land named Is-Saliba or Mastru Gidelu or Mastru Galutin bounded on the east by the street (Misraħ Karmenu Grima, previously known as Triq it-Tagħlim) free and unencumbered and subject for those servitudes resulting from its position which include among others the passage of pipes and services to serve the overlying and underlying property and with the right of use in perpetual and uninterrupted to install water tank of no more than five hundred litres (500 lt) on the highest roof of the block and install and maintenance of common satellite dish and this as described in the acts of Notary Joseph Smith La Rosa of the fourteen May of year two thousand and eight (14.5.2008) valued at two hundred and forty five thousand euro (€245,000);

Corner shop on the ground floor level named 'Tyson Butcher' and numbered fifteen (15) in Triq il-Kanonku Giovanni De Domenico, Żejtun, without its airspace, subject to servitudes resulting from its position underlying third party property which includes common drains and drainage system, the rest is free and unencumbered with its right and appurtenances as described in the acts of Notary Vanessa Buttigieg of seventeen September of year two thousand and nine (17.9.2009) valued at two hundred and thirty (€230,000).

The said apartment number one (1) apartment in Ħaż-Żabbar, the shop 'Tyson Butcher' and the maisonette named 'Shelik' in Żejtun are property of the deceased Jonathan Pace (ID 650082M) and the appartments number two (2), three (3) and four (4) in Ħaż-Żabbar are property of the deceased Jonathan Pace (ID 277083M) and Melanie Pace (ID 650082M).

N.B. L-imsemmija proprjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 13/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 8 ta' Awwissu, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said properties will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2021.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 8th August, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1612

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fl-24 ta' Frar, 2023, fuq talba ta' Tiffany Clinch ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Brian David Ciarlo, fl-atti tar-Rikors Ġenerali numru 64/2023AL, fl-ismijiet Tiffany Clinch vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġenerali, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet Tiffany Clinch (KI 177789M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Brian David Ciarlo (KI 236502L), fejn ir-rikorrenti Tiffany Clinch talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a bażi tal-artikolu 154(2) tingħata l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħet fir-rigward tal-minuri u dan speċifikament fir-rigward ta' saħħa, reliġjon, edukazzjoni, ħarsien, iffirmar ta' reġistrazzjoni u/jew dokumentazzjoni uffiċjali kif ukoll tillimita l-eżerġizzju tal-missier Brian David Ciarlo.

Rikorrenti: c/o Iuris Advocates, 36, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 24th February, 2023, following a request of Tiffany Clinch it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Brian David Ciarlo, in the records of the General Application 64/2023AL, in the names Tiffany Clinch vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a General Application, filed in the Civil Court (Family Section) on 8th February, 2023, in the names Tiffany Clinch (ID 177789M) vs Deputy Curators to represent the absentee Brian David Ciarlo (ID 236502L) whereby the applicant Tiffany Clinch requested this Honourable Court so that in order that on the basis of Article 154 (2) all the rights of the minor be exercised and this specifically as regards health, religion, education, care, signing of registration and/or official documentation as well as limit the exercise of the father Brian David Ciarlo.

Applicant: c/o Iuris Advocates, 36, Triq l-Arċisqof, Valletta

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta' Marzu, 2023

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 11 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Civil Court (Family Section), abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD, Doctor of Laws.

Today 17th March, 2023

Registry of the Civil Court (Family Section), today 11th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1613

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fl-20 ta' Marzu, 2023, fuq talba ta' Vincent Borg ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Angela Marie Borg, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 52/2023AGV, fl-ismijiet Vincent Borg vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Marzu, 2023, fl-ismijiet Vincent Borg (KI 424567M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Angela Marie Borg, fejn ir-rikorrenti Vincent Borg (KI 434567M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba abbandun kif ukoll talli ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata;

2. Tiddikjara li l-intimata ddekadiet minn kwalsijasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment mingħand lill-intimata;

3. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tiġi stabbilita data minn meta l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att/i opportun/iu u ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-intimata fl-eventwali kontumaċja fuq kwalsijasi konvenju u att sussegwenti għall-istess xoljiment;

4. Tordna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali li se jirriżultaw waqt il-mori tal-kawża kif ukoll l-ispejjeż li saru da parti tal-istess rikorrent qabel iż-żwieġ u dan fi żmien qasir u perentorju li għandu

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 20th March, 2023, following a request of Vincent Borg it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Angela Marie Borg, in the records of the Sworn Application 52/2023AGV, in the names Vincent Borg vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Vincent Borg (ID 434567M) vs Deputy Curators to represent the absentee Angela Marie Borg whereby the applicant Vincent Borg (ID 434567M) requested this Honourable Court so that it:

1. Declares and pronounces the personal separation between the parties due to abandonment and also because the marriage has irretrievably broken down;

2. Declares that the respondent has forfeited any right to claim or to accept maintenance from the respondent;

3. Dissolves and terminates the community of acquests between the parties and liquidates the same in such a manner that divided portions are established and assigned to the parties and by also establishing a date from when the respondent is deemed to have forfeited any benefit acquired as a result of the work and skill of the applicant, and all this if necessary by the operation of nominated architects and by the appointment of a notary to publish the opportune deed/s and of a curator to represent the respondent in the eventual default on any preliminary agreement following the same dissolution;

4. Orders the respondent to return to the applicant the property and paraphernal credits which shall result during the course of the proceedings as well as the expenses incurred on the part of the same applicant before the marriage and this

jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimata tagħmel dan, tikkundannha tħallas lir-rikorrent dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominadi, rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;

5. Tapplika kontra l-intimata l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluż il-komminjazzjoni li tilef kull dritt li tiret lir-rikorrent;

6. Tawtorizza lir-rikorrent jibqa' jgħix fid-dar matrimonjali ossija ġewwa l-fond 123, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, ad eskluzjoni tal-intimata;

7. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn il-artijiet fit-30 ta' Ġunju, 1995;

8. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dawn jiġu reġistrati fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 123, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġġaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgharraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LLD, Duttur tal-Ligi.

Illum 22 ta' Marzu. 2023

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 11 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

within a short and peremptory time which shall be fixed by this Court and in default of the respondent to do so, condemn her to pay the applicant that sum which shall be liquidated, if necessary by the appointment of referees, representing the value of the paraphernal property above mentioned;

5. Applies against the respondent the effects of the provisions of Articles 48 to 53 of Cap. 16 of the Laws of Malta to the extent applicable, including the compensation that lost any right inherited to the applicant;

6. Authorises the applicant to continue living in the matrimonial home or rather in the premises 123, Triq San Pawl, St Paul's Bay to the exclusion of the respondent;

7. Pronounces the dissolution of the marriage which was celebrated between the parties on the 30th June, 1995;

8. Orders the Registry of the Court so that within the time allowed for this purpose by the same Court, it notifies the Director Public Registry both with the separation and the dissolution of the parties' marriage so that these are registered in the Public Registry.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: 123, Triq San Pawl, St Paul's Bay

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd March. 2023

Registry of the Civil Court (Family Section), today 11th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1614

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Awwissu, 2022, fuq talba ta' Anna Camilleri ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1534/2022 fl-ismijiet Anna Camilleri vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1346/2022 ta' Anna mart Noel Camilleri, bint il-mejjet Generoso Montebello u Doris née Fenech imwielda Ħ'Attard u residenti ż-Żejtun (KI 428076M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa tal-fond li jinsab iż-Żejtun, Triq Sant'Alfonsu, numru 8, bl-isem Ta' Karozz, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-17 ta' Awwissu, 2022, fejn Anna Camilleri (KI 428076M) esponiet bir-rispett:

